# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.7

**Kap 2: Il-ħbieb iħobbuna**

**Lezzjoni 2.7: Ġesù u l-ħbieb l-oħrajn**

**L-Għanijiet:**




**L-istudenti:**

1. Jirrevedu l-fatt li Ġesú huwa ħabib ukoll.

2. Jifhmu għalfejn ngħidu li Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Jesus loves me http://www.youtube.com/watch?v=0DYDvyBKZJA
- Chart bi stampa ta' wiċċ Ġesù mwaħħla fin-nofs.
- Karti żgħar.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Ibda billi tfakkar : Il-bieraħ għedna li Ġesù jħobbna ħafna u anki meta kien fid-dinja kien iħobb lit-tfal u xtaq li jkunu ħdejh.
- Staqsi: Meta jkollna ħabib jew ħabiba, din x'tagħmel għalina?
- Fakkar li Ġesù li huwa l-ikbar ħabib tagħna. Staqsi lit-tfal: Ġesù, biex jurina li jħobbna, għamel xi ħaġa għalina?



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Urihom stampa ta' Ġesù qed jippriedka.
- Staqsi: Għalfejn ġie fid-dinja Ġesù? (biex jgħallimna fuq Alla u biex jgħallimna x'għandna nagħmlu biex inħobbu lil Alla).



- Waħħal stampa ta' Ġesù msallab u staqsi lit-tfal:
    - Għal min miet Ġesù? (għalina lkoll)
    - Għalfejn miet? (biex meta mmut nkunu nistgħu mmorru fil-ġenna ħdejh).
    - Ġesù wriena li tant iħobbna u huwa ħabib kbir tagħna billi miet għalina.
- Semma  d-diska *Jesus Loves Me* u ppruvaw kantaw magħha.

- Enfasizza l-imħabba li Ġesù għandu għalina u għalhekk spjega li ser nagħmlu ritratt tal-klassi ma' Ġesù. Minn qabel ipprepara chart bi stampa ta' Ġesù mwaħħla f'nofsha.
- Agħti karta żgħira lil kulħadd u fuqha kulħadd irid ipinġi wiċċu.
- Meta x-xogħol tat-tfal ikun lest, l-uċuħ waħħalhom fuq ic-chart.
- Hekk għandna ritratt mal-akbar ħabib tagħna, Ġesù.

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**

1. Ġesù huwa l-akbar ħabib tagħna u jħobbna ħafna.
2. Ġesù ġie fid-dinja biex jgħallimna fuq Alla.
3. Ġesù miet għalina biex isalvana.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal, bl-għajnuna tal-ġenituri u l-għalliema jisimghu fuq Ġesù ħalli jsiru jafuh aħjar.



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Jesus loves me http://www.youtube.com/watch?v=0DYDvyBKZJA



## Nitolbu



Ġesù grazzi talli ġejt fid-dinja biex isalvana,

għinna nħobbuk dejjem iżjed.